**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 3 ta' Gunju 2021**

**<u>Rikors nru: 174/2012/3 AGV;</u>**

**AB f' isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri**
**Vs**
**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors guramentat ta' CD datat 10 ta' Marzu 2015, fejn espona bir-rispett u ikkonferma;**

1. Illi r-rikorrenti jixtieq illi t-talba attrici ghall-pronunzjament tas-seperazzjoni personali bejn il-partijiet tigi titqies bhala talba ghal pronunzjament ta' divorzju, u dan ai termini tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66 F tal-Kodici Civili, u f' dar-rigward , jigi rilevat illi l-kriterji

kollha rikjesti mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 66 B jinsab sodisfatti kif gej;

**a.** Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament de facto mill- 15 ta' Frar 2010 u dana meta l-attrici kecciet l-barra mid-dar matrimonjali. Illi ghalhekk huma ilhom hames snin separati de facto. Illi r-rikorrenti jixtieq illi l-proceduri ta 'separazzjoni jigu trasfuzi ghal dawk ta' divorzju meta s-sentenza tigi moghtija;

**b.** Illi ma hemm ebda kwistjoni dwar il-mantenimnt u dana ghaliex il-manteniment qed jithallas skont kif gie degretat min din l-Onorabbli Qorti u cjoe' fl-ammont ta' tlett mitt Euro ghal kull wild;

**c.** Illi l-partijiet prezentament jghix' l boghod minn xulxin u l-attrici qieghda f' relazzjoni ohra ma' EF, u ghadaqstant ir-rikorrenti ihoss illi ma hemm ebda prospett regenevoli ghal riokncilajzzjoni bejniethom;

**Illi ghalhekk,** jehtieg illi din l-Onorabbli Qorti tikkonstata ili effetivament dawn il-kundizzjonijiet elenkati fid-disposizzjonijiet tal-artikolu 66 B (a) sa (c) jinsabu debitament sodisfatti sabiex taghti decizjoni dwar it-talba konteuta f' dar-rikors, de quo, wara li tisma' lill-partijiet.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din Onorabbli Qorti joghgobha;

a. Tappunta data u hin sabiex tisma' lill-partijiet u tiddetermina illi l-kundizzjonijiet imsemija fid-disposizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili huma debitament sodisfatti;

b. Konsegwentament, tordna u tawtorizza permezz ta' sentenza ad hoc, moghtija fil-Qorti bil-miftuh, illi l-ewwel talba attrici fl-intier taghha tigi konvertita u titqies bhala talba ghad-divorzju, bejn il-partijiet, ghal kull fini u effetti tal-Ligi dan ai termini tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66F tal-Kodici Civili.

c. Konsegwmentament tat-tieni talba hawn fuq imsemimja, tordna illi l-kontent tas-sitt talba attrici huma ezawriet.
d. Konsegwentament tat-tieni talba hawn fuq imsemmija, is-seba' talba attrici limitatament ghal xoljiment tal-kommunita' tal-akkwisti, tordna illi tali xoljiment ma ghandux ikun bbazat fuq l-ebda htija izda maqsuma f' zewg porzjonijiet indaqs.

Salv kull proveddiment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.

**Il-Qorti rat ir-Risposta ta' AB (ghar-rikors ta' CD tal-10 ta' Marzu 2015) fejn esponiet bir-rispett;**

Illi permezz ta' **rikors datat 10 ta' Marzu 2015**, ir-rikorrenti CD qed jitlob illi t-talba attrici ghall-pronunzjament ta' separazzjoni personali tigi titqies minflok bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju u dan ai termini tad-disposissjonijiet tal-Artikolu 66F tal-Kodici Civili

Illi r-rikorrenti CD fl-eccezzjonijiet li ta fir-**risposta guramentata tieghu tad-9 ta' April 2013**, oppona ghat-talba tal-esponenti ghal separazzjoni personali ghaliex skond hu ma kienx hemm bazi ghas-separazzjoni.

Illi fl-istess eccezzjonijiet r-rikorrenti iddikjara illi huwa jhallas tlett elef Euro (€3,000) fix-xahar bhala manteniment ghal martu u ghal uliedu, li hu qatt ma naqas li jhallas dan il-manteniment u illi qed jopponi ghax-xoljiment tal-kommunjoni tal-akkwisti.

Illi r-rikorrenti kien ipprezenta **rikors fit-12 ta' Novembru 2013** sabiex jigi awtorizzat jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri, u din l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba tieghu ghaliex l-eccezzjonijiet ulterjuri kienu jibdlu s-sustanza tal-mertu ipprezentati fil-bidu tal-kawza.

Illi r-rikorrenti qieghed jipprova jaghmel tentattiv iehor sabiex ibiddel is-sustanza tal-mertu kif ipprezentata fil-bidu tal-kawza billi jdawwar l-istess kontenut u jghattiha billi jdawwar il-proceduri prezentati fi proceduri ta' divorzju u jaghmel talbiet f'dan is-sens permezz ta' dan ir-rikors.

Illi skond l-artikolu **66B tal-Kap 16 tal-Kodici Civili**:

"66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:

(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u

(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:"

Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal iktar minn erba' snin wara li r-rikorrenti telaq mid-dar matrimonjali ghaliex skond hu, t-tifel minuri G kien qed itellfu fix-xoghol ta' programming tal-IT tieghu u ghaliex ma kienx qed ihallih jorqod bil-lejl u ghalhekk mar joqghod fi propjeta tal-kontendenti. Illi ma kienx il-kaz illi G kien qieghed itellfu, izda r-rikorrenti ma rridx illi l-esponenti isir taf illi kien qed jahdem tlett ijiem l-isptar Mater Dei u erba tijiem l-Irlanda fuq locums. Illi wara ftit r-rikorrenti ma setax ikompli b'din is-sistema illi jinqasam bejn zewg pajjizi u ghazel li jibqa l-Irlanda, u

abbanduna kompletament lil familtu. Illi mhux minnu illi l-esponenti kecciet lir-rikorrenti barra mid-dar u sahansitra waddbet bagalja hwejjeg minn gol-galarija kif jallega r-rikorrenti.

Illi l-esponenti tikkonferma illi ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Ir-rikorrenti ilu f'relazzjoni ma certa H mill-2012 u apparti minn din ir-relazzjoni, ir-rikorrenti kien informa lil esponenti permezz ta' sms li kellu tarbija minn mara ohra l-Irlanda. Din it-tarbija illum ghandha madwar tlett snin - kopja ta' dan il-messagg qed jigi anness bhala **Dokument A**. Illi lanqas m'hu minnu illi l-esponenti fethet dawn il-proceduri ta' separazzjoni ezatt kif bdiet ir-relazzjoni taghha ma EF kif jallega r-rikorrenti.

Illi l-esponenti ma taqbilx illi qed tircievi manteniment adegwat u skond kif dovut fic-cirkostanzi partikolari tal-partijiet, tenut kont tal-fatt illi r-rikorrenti jahdem l-Irlanda bhala tabib specjalista b'introjtu sostanzjali, u l-esponenti b'hames titfal li kollha ghadhom jistudjaw, trid tghaddi b'elf u hames mitt Euro (€1,500) fix-xahar u dan skond kif degretat minn din l-Onorabbli Qorti f'Digriet moghti **fit-8 ta' Lulju 2014,** wara rikors tal-istess esponenti tas-17 ta' Frar 2014.

Illi din l-Onorabbli Qorti waslet ghal din id-decizzjoni wara li kkunsidrat illi "jirrizulta prima facie li l-konvenut zviluppawlu kundizzjoni medici li ma ppermettewlux li jkompli jahdem bl-intensita li kien jahdem biha fiz-zmien li gie iffirmat il-ftehim imsemmi u li ghalhekk id-dhul tieghu apparentement naqas"

Illi bir-rispett r-rikorrenti ma ghandux kundizzjoni medika li ma thallihx jahdem kif kien jaghmel qabel.

Illi ir-rikorrenti obbliga ruhu li jhallas tlett elef Euro (€3,000) fix-xahar bhala manteniment ghal uliedu u dan skond ftehim tal-5 ta' Novembru 2011. Kopja ta' dan il-ftehim qed jigi anness u mmarkata bhala **Dokument B**.

Illi r-rikorrenti naqas minn dan il-ftehim ghaliex skond hu ma kienx qed jara u tilef ix-xoghol. Illi fil-verita' r-rikorrenti qed jahdem fuq bazi full-time gewwa

Kerry General Hospital ta' Tralee, u dan apparti mill-business privat tieghu tal-IT maghruf bhala MCQS u apparti min-numru tal-Locums li jaghmel gewwa pajjizi Arab bhal Dubai u l-Kuwait. Illi bir-rispett ghalkemm inghata Digriet minn din l-Onorabbli Qorti fit-**13 ta' Novembru 2014**, sabiex iforni l-informazzjoni mitluba, sal-lum ir-rikorrenti ghadu ma pprezentax ir-returns tat-taxxa tas-snin bazi 2010, 2011, 2012, 2013 u 2014, u dan sabiex jevita milli jindika l-introjtu sostantiv tieghu.

Illi l-esponenti tat rendikont estensiv tal-ispejjez li tinkorri ghat-tfal taghha, inkluz ghall-ikel, hwejjeg u zraben, tobba u medicini, spejjez ta' edukazzjoni, kotba, uniformijiet, attivitajiet extra-curriculari inkluz football, safar mat-team tal-football, petrol, spejjez ta' insurance u spejjez tal-karozza, fost spejjez ohra.

Illi r-rikorrenti mhux korrett meta jghid "illi ma hemm l-ebda kwistjoni dwar il-manteniment u dana ghaliex il-manteniment qieghed jithallas skont kif gie degretat minn dina l-Onorabbli Qorti u cioe fl-ammont ta' €300 kull xahar ghal kull wild" u qieghed jipprova jizvija lil din l-Onorabbli Qorti. L-esponenti ma taqbilx illi l-ammont ta' manteniment ordnat mill-Qorti pendete lite u fic-cirkostanzi ta' kundizzjoni medika illi allega r-rikorrenti, huma sufficjenti ghal bzonnijiet ta' hamest itfal.

Illi l-minuri ID ghandu kondizzjoni medika serja fil-borza tal-pipi u fil-kliewi. Illi trid issirlu operazzjoni serja ohra gewwa l-Ingilterra sabiex tipprova ttaffi l-problema li ghandu I. Illi minhabba din il-kundizzjoni medika, jista jkun illi l-minuri jkollu bzonn ghajnuna u manteniment anka wara li jkun spicca l-istudji tieghu u jkun ghalaq it-tlieta u ghoxrin (23) sena.

**Illi ghalhekk l-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Kodici Civili m'humiex debitament sodisfatti.**

Illi invista tar-ragunijiet suesposti u bir-rispett, l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tikkunsidra t-talbiet kollha attrici hekk kif premessi fir-Rikors Guramentat taghha;

(2) Tichad it-talba tar-rikorrenti ghal konverzjoni ta' dawn il-proceduri minn proceduri ta' separazzjoni ghal proceduri ta' pronunzjament ta' divorzju;

(3) Tichad it-talbiet kollha sussegwenti maghmula mir-rikorrenti;

(4) Tordna t-tkomplija ta' dawn il-proceduri ta' separazzjoni a bazi tar-Rikors Guramentat pprezentat mill-attrici Dr. AB.

Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti ghall-ahjar gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

**IKKUNSIDRAT;**

Illi bit-talbiet odjerni l-konvenut qed jitlob li l-kawza ghal separazzjoni bejnu u l-attrici tigi konvenrtita f' wahda ta' divorzju. Din it-talba hija kontemplata fil-ligi taghna taht l-Artikolu 66F tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li tipprovdi hekk:

> "66F. (1) Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmulaf'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma' lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti. Il-qorti

għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba f'sentenza mogħtija fil-qorti bil-miftuħ, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell ħlief flimkien mas-sentenza finali."

Illi ghalhekk, il-konvenut qed jitlob li l-kawza tigi konventita f' wahda ta' divorzju. Biex din it-talba tintlaqa', il-Qorti trid tara jekk jissussistux l-elementi rikjesti fil-ligi biex tali talba tintlaqa', u cioe' li l-partijiet ilhom aktar minn erba' snin separati de facto, li ma hemmx possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejniethom, u li ma hemmx pendenzi dwar hlas ta' manteniment. L-attrici fir-risposta taghha tindika li l-ewwel zewg elementi mhumiex kontestati. Il-partijiet ilhom separate minn xulxin ghal aktar minn erba' snin, u huwa evidenti li ma hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejniethom. Madankollu, ghad ma hemmx qbil dwar il-manteniment, u din taf tkun ta' xkiel ghat-talbiet tal-konvenut.

Fil-fehma tal-Qorti, tali talbiet ghandhom jigu konsidrati biss mas-sentenza finali, meta l-partijiet ikunu ghalqu l-provi kollha taghhom u l-kwadru jkun aktar shih. Ghalhekk, dwar din it-talba, il-Qorti sejra tirriserva li tipprovdi ghaliha mas-sentenza finali.

Kwantu ghat-talbiet l-ohra maghmula mill-konvenut, dawn ukoll ghandhom jigu trattati mas-sentenza finali u mhux f'dan l-istadju, ghalkemm il-kawza issa waslet fl-ahhar taghha.

**DECIDE;**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tirriserva li tipprovdi fis-sentenza finali.

Spejjez jibqghu riservati.

**Anthony J Vella**

**Imhallef**

**Concetta Gauci**

**Deputat Registratur**